# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 153

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 60

16 ta' Ġunju 2017


Werrej


II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1005 tal-15 ta' Ġunju 2017 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format u ż-żmien tal-komunikazzjonijiet u l-pubblikazzjoni ta' sospensjoni u tneħħija ta' strumenti finanzjarji skont id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament u tal-Kunsill dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji** [1] ..... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1006 tal-15 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1206/2012 f'dak li għandu x'jaqsam mal-bidla tar-razza tal-produzzjoni tal-preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanażi, prodotta minn *Aspergillus oryzae* (DSM 10287) bħala addittiv fl-għalf tat-tjur tas-simna, tal-ħnienes miftuma u tal-ħnieżer tas-simna (detentur tal-awtorizzazzjoni DSM Nutritional Products Ltd.)** [1] ..... 9

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1007 tal-15 ta' Ġunju 2017 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' leċitini bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali** [1] ..... 13

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1008 tal-15 ta' Ġunju 2017 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Lactococcus lactis* PCM B/00039, *Carnobacterium divergens* PCM KKP 2012p, *Lactobacillus casei* PCM B/00080, *Lactobacillus plantarum* PCM B/00081 u *Saccharomyces cerevisiae* PCM KKP 2059p bħala additiv fl-għalf għat-tiġieġ tas-simna (id-detentur tal-awtorizzazzjoni JHJ Ltd)** [1] ..... 16

DIRETTIVI

★ **Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1009 tat-13 ta' Marzu 2017 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għall-kadmju u għaċ-ċomb fil-ħġieġ li jiffiltra u fil-ħġieġ użat għall-istandards tar-riflettanza** [1] ..... 21


[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1010 tat-13 ta' Marzu 2017 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb f'ċilindri ta' ġewwa u ta' barra tal-bearings għal ċerti kompressuri li jkun fihom refriġerant** ([1]) .................................. 23

★ **Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1011 tal-15 ta' Marzu 2017 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb fi ħġieġ abjad użat għal applikazzjonijiet ottiċi** ([1]) .................................. 25


DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/1012 tat-13 ta' Ġunju 2017 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo * (EULEX KOSOVO) (EULEX KOSOVO/1/2017)** .................................. 27

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1013 tat-30 ta' Marzu 2017 li tfassal il-formola standard għar-rappurtar li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument C(2017) 1927)* ([1]) .................................. 28

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1014 tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar il-pubblikazzjoni tar-referenzi tal-istandards Ewropej EN 13869:2016 dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza fil-lajters fil-konfront tat-tfal, u EN 13209-2:2015 dwar it-tagħmir għall-ġarr tat-trabi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ([1]) .................................. 36

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1015 tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra koperti bid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal kull Stat Membru għall-2014** .................................. 38


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244(1999) u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1005

**tal-15 ta' Ġunju 2017**

**li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni rigward il-format u ż-żmien tal-komunikazzjonijiet u l-pubblikazzjoni ta' sospensjoni u tneħħija ta' strumenti finanzjarji skont id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament u tal-Kunsill dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 32(3) u 52(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2014/65/UE tistabbilixxi sistema li permezz tagħha s-sospensjonijiet min-negozjar u t-tneħħija ta' dawn is-sospensjonijiet min-negozjar jiġu ppubblikati u kkomunikati b'mod f'waqtu u effiċjenti.

(2) Il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni ta' hawn fuq minn operaturi taċ-ċentri tan-negozjar u awtoritajiet kompetenti fuq siti web tiżgura l-faċilità ta' aċċess mingħajr kostijiet addizzjonali sinifikanti. Għaldaqstant, il-pubblikazzjoni fuq is-sit web jenħtieġ li tkun il-mezz ewlieni ta' pubblikazzjoni u tixrid simultanju tal-informazzjoni fl-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni ssir disponibbli simultanjament għal kulħadd, il-pubblikazzjoni permezz ta' mezzi oħrajn għandha ssir disponibbli fuq is-sit web biss mal-pubblikazzjoni jew wara.

(3) Minħabba l-ħtieġa għal komunikazzjoni rapida u preċiża, biex ikun hemm funzjonament tal-iskambju tal-informazzjoni u tal-kooperazzjoni stabbiliti fid-Direttiva 2014/65/UE, għandhom jiġu stabbiliti format u żmien uniformi tal-komunikazzjonijiet u l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti kollha jsiru b'mod faċli u effiċjenti. L-użu ta' dan il-format u ż-żmien ma għandux jippreġudika l-użu ta' format jew żmien ieħor f'ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux previsti fejn il-format u ż-żmien stipulat f'dan ir-Regolament ma jkunx xieraq meta jiġi kkunsidrat l-iskala kbira u l-urġenza tal-komunikazzjonijiet li jirriżultaw minn, pereżempju, l-għeluq tas-suq kollu.

(4) Għal raġunijiet ta' konsistenza u sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2014/65/UE japplikaw mill-istess data.

(5) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni sottomess mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) lill-Kummissjoni.

(6) L-ESMA għamlet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni abbozzati li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit bl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

([1]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349.
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Il-kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabblixxi l-format u ż-żmien għall-komunikazzjonijiet u pubblikazzjonijiet li ġejjin:

(a) pubblikazzjoni minn operatur tas-suq li jopera suq regolat jew ta' ditta tal-investiment jew operatur ta' suq li jopera faċilità multilaterali tan-negozjar jew faċilità organizzata tan-negozjar tad-deċiżjoni tiegħu li jissospendi jew jeskludi strument finanzjarju min-negozjar;

(b) komunikazzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-punt (a) lill-awtorità kompetenti rilevanti;

(c) pubblikazzjoni minn awtorità kompetenti, li tissospendi jew teskludi min-negozjar strument finanzjarju u fejn rilevanti strumenti derivattivi relatati jew li tneħħi sospensjoni;

(d) komunikazzjoni minn awtorità kompetenti lil ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti oħrajn, tad-deċiżjoni li tissospendi jew teskludi strument finanzjarju min-negozjar u jekk rilevanti, strumenti derivattivi relatati jew tneħħi sospensjoni;

(e) komunikazzjoni minn awtorità kompetenti nnotifikata, lil ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti oħrajn, tad-deċiżjoni tagħha dwar jekk issegwix deċiżjoni kif imsemmi fil-punt (d).

*Artikolu 2*

**Definizzjoni tat-terminu "operatur taċ-ċentru tan-negozjar"**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "operatur taċ-ċentru tan-negozjar" tfisser kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(a) operatur tas-suq li jopera suq regolat, faċilità multilaterali tan-negozjar jew faċilità organizzata tan-negozjar;

(b) ditta ta' investiment li topera faċilità multilaterali tan-negozjar jew faċilità organizzata tan-negozjar.

*Artikolu 3*

**Il-format tal-pubblikazzjoni u l-komunikazzjoni minn operaturi taċ-ċentri tan-negozjar**

1. Operaturi taċ-ċentri tan-negozjar għandhom jippubblikaw id-deċiżjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1 fis-sit web tagħhom fil-format stabbilit fit-Tabella 2 tal-Anness.

2. L-operaturi taċ-ċentri tan-negozjar għandhom jikkomunikaw id-deċiżjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1 lill-awtorità kompetenti rilevanti f'format li jista' jinqara minn magna standard approvat minn dik l-Awtorità kompetenti billi jintuża l-format stabbilit fit-Tabella 2 tal-Anness.

*Artikolu 4*

**Iż-żmien tal-pubblikazzjoni u l-komunikazzjoni minn operaturi taċ-ċentri tan-negozjar**

1. L-operaturi taċ-ċentri tan-negozjar għandhom jippubblikaw id-deċiżjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1 immedjatament.

2. L-operaturi taċ-ċentri tan-negozjar ma għandhomx jippubblikaw id-deċiżjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1 permezz ta' mezzi oħrajn qabel il-pubblikazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 3(1).

3. L-operaturi taċ-ċentri tan-negozjar għandhom jikkomunikaw id-deċiżjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 1 lill-awtorità kompetenti simultanjament mal-pubblikazzjoni tagħhom jew immedjatament wara.

*Artikolu 5*

**Il-format tal-pubblikazzjonijiet u l-komunikazzjonijiet minn awtoritajiet kompetenti**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw id-deċiżjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 1 fis-sit web tagħhom fil-format stabbilit fit-Tabella 3 tal-Anness.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw id-deċiżjonijiet imsemmija fil-punt (d) u (e) tal-Artikolu 1 fis-sit web tagħhom fil-format stabbilit fit-Tabella 3 u 4 tal-Anness, rispettivament.

*Artikolu 6*

**Iż-żmien tal-pubblikazzjonijiet u l-komunikazzjonijiet minn awtoritajiet kompetenti**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw id-deċiżjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 1 immedjatament.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw id-deċiżjonijiet imsemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 1 simultanjament mal-pubblikazzjoni tagħhom jew immedjatament wara.

3. Awtorità kompetenti nnotifikata għandha tikkomunika d-deċiżjoni msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 1 mingħajr dewmien mal-wasla tal-komunikazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 1.

*Artikolu 7*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan japplika mit-3 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

*Tabella 1*

**Tabella ta' simboli li għandhom jiġu applikati għat-Tabelli kollha**

| SIMBOLU | TIP TA' DEJTA | DEFINIZZJONI |
|---|---|---|
| {ALPHANUM-n} | Sa n karattri alfanumeriċi | Kaxxa għal test liberu. |
| {COUNTRYCODE_2} | 2 karattri alfanumeriċi | Kodiċi tal-pajjiż b'2 ittri, kif definit mill-kodiċi tal-pajjiż ISO 3166-1 alpha-2 |
| {DATE_TIME_FORMAT} | Format tad-data u l-ħin skont l-ISO 8601 | Id-data u l-ħin fil-format segwenti:<br>— SSSS-XX-JJTss:mm:sk.Z.<br>— "SSSS" hija s-sena;<br>— "XX" huwa x-xahar;<br>— "JJ" huwa l-jum;<br>— "T" — tfisser li l-ittra "T" għandha tintuża<br>— "ss" hija s-siegħa;<br>— "mm" hija l-minuta;<br>— "sk" hija s-sekonda;<br>— Z huwa l-ħin UTC.<br>Id-dati u l-ħinijiet għandhom jiġu rrappurtati f'UTC. |
| {ISIN} | 12-il karattru alfanumeriku | Kodiċi ISIN, kif definit f'ISO 6166 |
| {LEI} | 20 karattru alfanumeriku | Identifikatur ta' entità ġuridika kif definit f'ISO 17442 |
| {MIC} | 4 karattri alfanumeriċi | Identifikatur tas-suq kif definit f'ISO 10383 |

*Tabella 2*

**Il-format tal-pubblikazzjoni u l-komunikazzjoni lill-awtorità kompetenti rilevanti minn operatur ta' ċentru tan-negozjar bid-deċiżjoni tiegħu li jissospendi jew ineħħi l-istrument finanzjarju u derivattivi relatati min-negozjar; u bid-deċiżjoni tiegħu li tħassar is-sospensjoni ta' strument finanzjarju u derivattivi relatati**

| KAXXA | DETTALJI LI GĦANDHOM JIĠU RRAPPURTATI | FORMAT GĦAR-RAPPURTAR |
|---|---|---|
| Data u l-ħin tal-komunikazzjoni | Kaxxa biex timtela bid-data u l-ħin tal-pubblikazzjoni/komunikazzjoni. | {DATE_TIME_FORMAT} |
| Tip ta' azzjoni | Kaxxa biex timtela bit-tip ta' azzjoni. | Sospensjoni, tneħħija, tħassir ta' sospensjoni. |
| Raġunijiet għall-azzjoni | Kaxxa biex timtela bir-raġunijiet għall-azzjoni | {ALPHANUM-350} |

| KAXXA | DETTALJI LI GĦANDHOM JIĠU RRAPPURTATI | FORMAT GĦAR-RAPPURTAR |
|---|---|---|
| Effettiva minn | Kaxxa biex timtela bid-data u l-ħin minn meta hija effettiva l-azzjoni. | {DATE_TIME_FORMAT} |
| Effettiva sa | Kaxxa biex timtela bid-data u l-ħin sa meta hija effettiva l-azzjoni. | {DATE_TIME_FORMAT} |
| Għadha għaddejja | Kaxxa biex timtela b'Vera jekk l-azzjoni tkun għadha għaddejja jew Falz jekk le. | "Vera" — L-azzjoni għadha għaddejja<br>"Falz" — L-azzjoni m'għadhiex għaddejja |
| Ċentru/i ta' negozjar | Kaxxa biex timtela bl-MIC (Kodiċi ta' Identifikazzjoni tas-Suq) jew MICs taċ-ċentru/i tan-negozjar jew segmenti minnhom li magħhom hija marbuta l-azzjoni. | {MIC}<br>Jekk ikollhom jiġu pprovduti iktar minn MIC waħda, din il-kaxxa għandha timtela b'bosta MICs mifrudin b'virgola. |
| Isem l-emittent | Kaxxa biex timtela bl-isem tal-emittent tal-istrument li miegħu hija marbuta l-azzjoni. | {ALPHANUM-350} |
| Emittent | Kaxxa biex timtela bil-LEI tal-emittent tal-istrument li miegħu hija marbuta l-azzjoni. | {LEI} |
| Identifikatur tal-istrument | Kaxxa biex timtela bl-ISIN tal-istrument. | {ISIN} |
| Isem sħiħ tal-istrument | Kaxxa biex timtela bl-isem tal-istrument. | {ALPHANUM-350} |
| Derivattivi relatati | Kaxxa biex timtela bl-ISINs tad-derivattivi relatati kif speċifikat fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/569 ([1]), li magħhom hija marbuta wkoll l-azzjoni. | {ISIN}<br>Jekk ikollhom jiġu pprovduti iktar minn ISIN wieħed, din il-kaxxa għandha timtela b'bosta ISINs mifrudin b'virgola. |
| Strumenti relatati oħrajn | Kaxxa biex timtela bl-ISINs tad-derivattivi relatati affettwati mill-azzjoni. | {ISIN}<br>Jekk ikollhom jiġu pprovduti iktar minn ISIN wieħed, din il-kaxxa għandha timtela b'bosta ISINs mifrudin b'virgola. |
| Kummenti | Kaxxa biex timtela bil-kummenti. | {ALPHANUM-350} |

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/569 tal-24 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għas-sospensjoni u t-tneħħija ta' strumenti finanzjarji min-negozjar (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 122).

*Tabella 3*

**Il-format tal-pubblikazzjoni u l-komunikazzjoni mill-Awtoritajiet Kompetenti ta' deċiżjoni biex jissospendu jew ineħħu strument finanzjarju u derivattivi relatati min-negozjar u biex ineħħu sospensjoni ta' strument finanzjarju u derivattivi relatati**

| KAXXA | DETTALJI LI GĦANDHOM JIĠU RRAPPURTATI | FORMAT GĦAR-RAPPURTAR |
|---|---|---|
| Awtorità kompetenti | Kaxxa biex timtela bl-akronimu tal-awtorità kompetenti li tkun qed tagħmel il-pubblikazzjoni / komunikazzjoni. | {ALPHANUM-10} |
| L-Istat Membru tal-awtorità kompetenti | Kaxxa biex timtela bil-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru tal-awtorità kompetenti li tkun qed tagħmel il-pubblikazzjoni / komunikazzjoni. | {COUNTRYCODE_2} |

| KAXXA | DETTALJI LI GĦANDHOM JIĠU RRAPPURTATI | FORMAT GĦAR-RAPPURTAR |
|---|---|---|
| Operatur ta' ċentru tan-negozjar bħala inizjatur tal-azzjoni | Kaxxa biex timtela bi:<br>— veru, jekk l-inizjatur tal-azzjoni huwa operatur ta' ċentru tan-negozjar; jew<br>— falz, jekk l-inizjatur tal-azzjoni mhux operatur ta' ċentru tan-negozjar iżda awtorità kompetenti. | "Veru" — L-inizjatur huwa minn ċentru tan-negozjar<br>"Falz" — L-inizjatur mhux minn ċentru tan-negozjar |
| Data u ħin tal-pubblikazzjoni / komunikazzjoni | Kaxxa biex timtela bid-data u l-ħin tal-pubblikazzjoni/komunikazzjoni. | {DATE_TIME_FORMAT} |
| Tip ta' azzjoni | Kaxxa biex timtela bit-tip ta' azzjoni. | Sospensjoni, tneħħija, tħassir ta' sospensjoni. |
| Raġunijiet għall-azzjoni | Kaxxa biex timtela bir-raġunijiet għall-azzjoni. | {ALPHANUM-350} |
| Effettiva minn | Kaxxa biex timtela bid-data u l-ħin minn meta hija effettiva l-azzjoni. | {DATE_TIME_FORMAT} |
| Effettiva sa | Kaxxa biex timtela bid-data u l-ħin sa meta hija effettiva l-azzjoni. | {DATE_TIME_FORMAT} |
| Għadha għaddejja | Kaxxa biex timtela b'Vera jekk l-azzjoni tkun għadha għaddejja jew Falz jekk le. | "Vera" — L-azzjoni għadha għaddejja<br>"Falz" — L-azzjoni m'għadhiex għaddejja |
| Ċentru/i ta' negozjar | Kaxxa biex timtela bl-MIC (Kodiċi ta' Identifikazzjoni tas-Suq) jew MICs taċ-ċentru/i tan-negozjar jew segmenti minnhom li magħhom hija marbuta l-azzjoni. | {MIC}<br>Jekk ikollhom jiġu pprovduti iktar minn MIC waħda, din il-kaxxa għandha timtela b'bosta MICs mifrudin b'virgola. |
| Isem l-emittent | Kaxxa biex timtela bl-isem tal-emittent tal-istrument li miegħu hija marbuta l-azzjoni. | {ALPHANUM-350} |
| Emittent | Kaxxa biex timtela bil-LEI tal-emittent tal-istrument li miegħu hija marbuta l-azzjoni. | {LEI} |
| Identifikatur tal-istrument | Kaxxa biex timtela bl-ISIN tal-istrument. | {ISIN} |
| Isem sħiħ tal-istrument | Kaxxa biex timtela bl-isem tal-istrument. | {ALPHANUM-350} |
| Derivattivi relatati | Kaxxa biex timtela bl-ISINs tad-derivattivi relatati kif speċifikat fir-Regolament Delegat (UE) 2017/569, li magħhom hija marbuta wkoll l-azzjoni. | {ISIN}<br>Jekk ikollhom jiġu pprovduti iktar minn ISIN wieħed, din il-kaxxa għandha timtela b'bosta ISINs mifrudin b'virgola. |
| Strumenti relatati oħrajn | Kaxxa biex timtela bl-ISINs tad-derivattivi relatati affettwati mill-azzjoni. | {ISIN}<br>Jekk ikollhom jiġu pprovduti iktar minn ISIN wieħed, din il-kaxxa għandha timtela b'bosta ISINs mifrudin b'virgola. |
| Kummenti | Kaxxa biex timtela bil-kummenti. | {ALPHANUM-350} |

*Tabella 4*

**Il-format tal-komunikazzjoni lill-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti oħra mill-awtoritajiet kompetenti bid-deċiżjonijiet tagħhom dwar jekk isegwux sospensjoni, tneħħija jew tħassir ta' sospensjoni**

| KAXXA | DETTALJI LI GĦANDHOM JIĠU RRAPPURTATI | FORMAT GĦAR-RAPPURTAR |
|---|---|---|
| Awtorità kompetenti | Kaxxa biex timtela bl-akronimu tal-awtorità kompetenti li kkomunikat l-azzjoni oriġinali. | {ALPHANUM-10} |
| L-Istat Membru tal-awtorità kompetenti | Kaxxa biex timtela bil-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru tal-awtorità kompetenti li kkomunikat l-azzjoni oriġinali. | {COUNTRYCODE_2} |
| L-awtorità kompetenti li tat bidu għall-azzjoni attwali | Kaxxa biex timtela bl-akronimu tal-awtorità kompetenti li qed issegwi jew mhix issegwi l-azzjoni oriġinali. | {ALPHANUM-10} |
| L-Istat Membru tal-awtorità kompetenti li qed tagħti bidu lill-azzjoni attwali | Kaxxa biex timtela bil-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru tal-awtorità kompetenti li qed issegwi jew mhijiex issegwi l-azzjoni oriġinali. | {COUNTRYCODE_2} |
| It-tip ta' azzjoni oriġinali | Kaxxa biex timtela bit-tip tal-azzjoni oriġinali. | Sospensjoni, tneħħija, tħassir ta' sospensjoni. |
| Deċiżjoni li jsir segwitu, jekk applikabbli | Kaxxa biex, jekk applikabbli, timtela bi:<br>— vera jekk l-azzjoni tiġi segwita; jew<br>— falz jekk l-azzjoni ma tiġix segwita. | "Vera" — L-azzjoni hija segwita<br>"Falz" — L-azzjoni mhix segwita |
| Raġunijiet għad-deċiżjoni biex ma ssegwix it-tneħħija, is-sospensjoni jew it-tħassir tiegħu, jekk applikabbli | Kaxxa biex timtela bir-raġunijiet għad-deċiżjoni biex ma ssegwix it-tneħħija, is-sospensjoni jew it-tħassir tiegħu, jekk applikabbli. | {ALPHANUM-350} |
| Data u ħin tal-komunikazzjoni | Kaxxa biex timtela bid-data u l-ħin tal-komunikazzjoni tal-azzjoni attwali. | {DATE_TIME_FORMAT} |
| Effettiva minn | Kaxxa biex timtela bid-data u l-ħin minn meta hija effettiva l-azzjoni attwali. | {DATE_TIME_FORMAT} |
| Effettiva sa | Kaxxa biex timtela bid-data u l-ħin sa meta hija effettiva l-azzjoni attwali. | {DATE_TIME_FORMAT} |
| Għadha għaddejja | Kaxxa biex timtela b'"vera" jekk l-azzjoni tkun għadha għaddejja jew "falz" jekk le. | "Vera" — L-azzjoni għadha għaddejja<br>"Falz" — L-azzjoni m'għadhiex għaddejja |
| Ċentru/i ta' negozjar | Kaxxa biex timtela bl-MIC (Kodiċi ta' Identifikazzjoni tas-Suq) jew MICs taċ-ċentru/i tan-negozjar jew partijiet minnhom li magħhom hija marbuta l-azzjoni attwali. | {MIC}<br>Jekk ikollhom jiġu pprovduti iktar minn MIC waħda, din il-kaxxa għandha timtela b'bosta MICs mifrudin b'virgola. |

| KAXXA | DETTALJI LI GĦANDHOM JIĠU RRAPPURTATI | FORMAT GĦAR-RAPPURTAR |
|---|---|---|
| Isem l-emittent | Kaxxa biex timtela bl-isem tal-emittent tal-istrument li miegħu hija marbuta l-azzjoni. | {ALPHANUM-350} |
| Emittent | Kaxxa biex timtela bil-LEI tal-emittent tal-istrument li miegħu hija marbuta l-azzjoni. | {LEI} |
| Identifikatur tal-istrument | Kaxxa biex timtela bl-ISIN tal-istrument. | {ISIN} |
| Isem sħiħ tal-istrument | Kaxxa biex timtela bl-isem tal-istrument. | {ALPHANUM-350} |
| Derivattivi relatati | Kaxxa biex timtela bl-ISINs tad-derivattivi relatati kif speċifikat fir-Regolament Delegat (UE) 2017/569, li magħhom hija marbuta wkoll l-azzjoni. | {ISIN}<br>Jekk ikollhom jiġu pprovduti iktar minn ISIN wieħed, din il-kaxxa għandha timtela b'bosta ISINs mifrudin b'virgola. |
| Strumenti relatati oħrajn | Kaxxa biex timtela bl-ISINs tad-derivattivi relatati affettwati mill-azzjoni. | {ISIN}<br>Jekk ikollhom jiġu pprovduti iktar minn ISIN wieħed, din il-kaxxa għandha timtela b'bosta ISINs mifrudin b'virgola. |
| Kummenti | Kaxxa biex timtela bil-kummenti. | {ALPHANUM-350} |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1006

## tal-15 ta' Ġunju 2017

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1206/2012 f'dak li għandu x'jaqsam mal-bidla tar-razza tal-produzzjoni tal-preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanażi, prodotta minn *Aspergillus oryzae* (DSM 10287) bħala addittiv fl-għalf tat-tjur tas-simna, tal-ħnienes miftuma u tal-ħnieżer tas-simna (detentur tal-awtorizzazzjoni DSM Nutritional Products Ltd.)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-użu tal-preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanażi prodotta minn *Aspergillus oryzae* (DSM 10287), li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi żootekniċi", ġie awtorizzat għal għaxar snin bħala addittiv fl-għalf tat-tjur tas-simna, tal-ħnienes miftuma, u tal-ħnieżer tas-simna mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1206/2012 ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, id-detentur tal-awtorizzazzjoni ppropona tibdil fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni kkonċernata billi talab għal bidla fir-razza tal-produzzjoni, minn *Aspergillus oryzae* (DSM 10287) għal *Aspergillus oryzae* (DSM 26372). Mal-applikazzjoni ntbagħtet ukoll id-dejta rilevanti ta' sostenn. Il-Kummissjoni bagħtet din l-applikazzjoni lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "L-Awtorità").

(3) Fl-opinjoni tagħha tal-14 ta' Lulju 2016 ([3]), l-Awtorità kkonkludiet li l-preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanażi prodotta minn *Aspergillus oryzae* (DSM 26372) ma għandhiex effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent. L-awtorità kkonkludiet ukoll li l-addittiv għandu l-potenzjal li jkun effikaċi bħala addittiv żootekniku fit-tiġieġ tas-simna, fil-ħnienes miftuma u fil-ħnieżer tas-simna. L-Awtorità tqis li ma hemmx bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għall-monitoraġġ wara l-kummerċjalizzazzjoni. Ivverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodi ta' analiżi tal-addittiv tal-għalf fl-għalf, li tressaq mil-Laboratorju ta' Referenza mwaqqaf bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) Il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 ġew issodisfati.

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1206/2012 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

(6) Peress li r-raġunijiet ta' sikurezza ma jeħtiġux l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki fil-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, jixraq li jingħata perjodu tranżitorju biex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jħejju ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jinħolqu mill-awtorizzazzjoni.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1206/2012 huwa mibdul bit-test li jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) ĠU L 347, 15.12.2012, p. 12.
([3]) EFSA Journal 2016; 14(8):4564.

*Artikolu 2*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, u l-għalf li jkun fih dik il-preparazzjoni, li huma prodotti u ttikkettati qabel is-6 ta' Jannar 2018 skont ir-regoli applikabbli qabel is-6 ta' Lulju 2017 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

“*ANNESS*

| Numru tal-identi-fikazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzaz-zjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija ta' annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzaz-zjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Kategorija tal-addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: sustanzi li jtejbu d-diġestibbiltà** | | | | | | | | | |
| 4a1607i | DSM Nutritional Products Ltd. | Endo-1,4-beta-ksilanażi KE 3.2.1.8 | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br><br>Preparazzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanażi prodott mill-*Aspergillus oryzae* (DSM 26372) b'attività minima ta':<br><br>Forma solida: 1 000 FXU ([1]) g<br><br>Forma likwida: 650 FXU/ml<br><br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br><br>endo-1,4-beta-ksilanażi prodott mill-*Aspergillus oryzae* (DSM 26372)<br><br>*Metodu analitiku* ([2])<br><br>Għal kwantifikazzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanażi prodott mill-*Aspergillus oryzae* (DSM 26372) f'addittiv fl-għalf:<br><br>— metodu kolorimetriku li jkejjel il-kompost ikkulurit prodott mill-aċidu saliċiliku dinitro (DNSA) u l-frazzjonijiet ksilosiliċi rilaxxati minn azzjoni ta' ksilanażi fuq arabinoksilan). | Tjur tas-simna<br><br>Ħnienes miftuma<br><br>Ħnieżer tas-simna | — | 100FXU<br><br>200FXU<br><br>200FXU | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.<br><br>2. Id-doża massima rrakkomandata għal kull kilogramm ta' għalf komplet:<br><br>— tjur tas-simna: 200 FXU;<br><br>— ħnienes (miftuma): 400 FXU;<br><br>— ħnieżer tas-simna: 400 FXU.<br><br>3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu l-proċeduri operattivi u l-miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tiegħu. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew imnaqqsa kemm jista' jkun permezz ta' proċeduri u miżuri bħal dawn, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir ta' protezzjoni personali, inkluż protezzjoni għan-nifs u protezzjoni għall-ġilda.<br><br>4. Għall-użu fi ħnienes miftuma li huma għandhom piż bejn wieħed u ieħor ta' 35 kg | l-4 ta' Jannar 2023 |

| Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija ta' annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Unitajiet ta' attività/kg ta' għalf sħiħ b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| | | | Għal kwantifikazzjoni ta' endo-1,4-beta-ksilanażi prodott mill-Aspergillus oryzae (DSM26372) f'taħlitiet lesti u fl-għalf:<br>— metodu kolorimetriku li jkejjel il-kulur li jinħall fl-ilma rilaxxat minn azzjoni ta' ksilanażi minn ażoksilan tal-ħafur evidenzjat bil-kulur. | | | | | | |

(1) 1 FXU huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 7,8 mikromoli ta' zokkor riduċenti (ekwivalent ta' ksilożju) mill-arabinoksilan tal-qamħ fil-minuta f'pH ta' 6,0 u 50 °C.
(2) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports.

”

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1007**

**tal-15 ta' Ġunju 2017**

**li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' leċitini bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni tal-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament jipprevedi l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-addittivi awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ([2]).

(2) Il-leċitini kienu ġew awtorizzati mingħajr limitu ta' żmien f'konformità mad-Direttiva 70/524/KEE bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali. Dak l-addittiv wara ddaħħal fir-Reġistru tal-addittivi fl-għalf bħala prodott eżistenti, f'konformità mal-Artikolu 10(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) F'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-evalwazzjoni mill-ġdid ta' preparazzjoni ta' leċitini bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali. L-applikant talab li l-addittiv jiġi kklassifikat fil-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi" u fil-grupp funzjonali "emulsjonanti". Mal-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) Fl-opinjoni tagħha tat-13 ta' Lulju 2016 ([3]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li, skont il-kundizzjonijiet tal-użu proposti, il-preparazzjoni ta' leċitini ma għandiex effett avvers fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent. L-awtorità kkonkludiet ukoll li l-preparazzjoni hija meqjusa bħala effikaċi għall-użu fl-għalf bħala emulsjonant. L-Awtorità ma tqisx li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodi tal-analiżi tal-addittiv fl-għalf, fl-għalf li ġie ppreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) Il-valutazzjoni tal-leċitini turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-użu ta' dik il-preparazzjoni jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(6) Peress li r-raġunijiet ta' sikurezza ma jirrikjedux l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki tal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, jixraq li jingħata perjodu tranżitorju sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jħejju ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda adittivi f'għalf għall-bhejjem (ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1.)
([3]) *EFSA Journal* 2016; 14(8):4560.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Awtorizzazzjoni**

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "emulsjonanti", hija awtorizzata bħala addittiv fl-għalf tal-annimali soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Miżuri tranżitorji**

1. L-addittiv speċifikat fl-Anness u t-taħlitiet lesti minn qabel li jkun fihom dawk l-addittivi li huma prodotti u ttikkettati qabel is-6 ta' Jannar 2018 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel is-6 ta' Lulju 2017 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

2. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom l-addittiv kif speċifikat fl-Anness li huma prodotti u ttikkettati qabel is-6 ta' Lulju 2018 f'konformita mar-regoli applikabbli qabel is-6 ta' Lulju 2017 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti jekk dawn ikunu maħsubin għall-annimali li jipproduċu l-ikel.

3. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom l-addittiv kif speċifikat fl-Anness li huma prodotti u ttikkettati qabel is-6 ta' Lulju 2019 f'konformita mar-regoli applikabbli qabel is-6 ta' Lulju 2017 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti jekk dawn ikunu maħsubin għall-annimali li ma jipproduċux l-ikel.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-Seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

| Numru tal-identifikazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | mg ta' leċitini/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Kategorija tal-addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: emulsjonanti** | | | | | | | | | |
| 1c322 | — | Leċitini | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Preparazzjoni ta' leċitini b'minimu ta':<br>— fosfolipidi ≥ 18 %,<br>— lisofosfolipidi ≥ 11 %,<br>— fosfolipidi oħra≥ 6 %,<br>Indewwa ≤ 1 %.<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Leċitini (Nru tas-CAS 8002–43–5) estratti minn fażola tas-sojja.<br>*Metodu analitiku* (1)<br>Għall-karatterizzazzjoni tal-addittiv fl-għalf:<br>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 (2) u t-testijiet korrispondenti fil-FAO JECFA monograph"Lecithin" (3) (4). | L-ispeċi kollha tal-annimali | — | — | — | Il-livell tal-użu f'għalf shih: 100–1 500 mg ta' addittiv/kg ta' għalf shih | Is-6 ta' Lulju 2027 |

(1) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1).

(3) FAO JECFA Combined Compendium of Food Additive Specifications, "Leċitina", Monograph Nru. 4 (2007), http://www.fao.org/food/food-safety-quality/scientific-advice/jecfa/jecfa-additives/detail/en/c/260/

(4) FAO JECFA Combined Compendium for Food Additive Specifications — Analytical methods, test procedures and laboratory solutions used by and referenced in the food additive specifications, Vol. 4, http://www.fao.org/docrep/009/a0691e/a0691e00.htm

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1008**

**tal-15 ta' Ġunju 2017**

**li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Lactococcus lactis* PCM B/00039, *Carnobacterium divergens* PCM KKP 2012p, *Lactobacillus casei* PCM B/00080, *Lactobacillus plantarum* PCM B/00081 u *Saccharomyces cerevisiae* PCM KKP 2059p bħala additiv fl-għalf għat-tiġieġ tas-simna (id-detentur tal-awtorizzazzjoni JHJ Ltd)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni tal-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Lactococcus lactis* PCM B/00039, *Carnobacterium divergens* PCM KKP 2012p, *Lactobacillus casei* PCM B/00080, *Lactobacillus plantarum* PCM B/00081 u *Saccharomyces cerevisiae* PCM KKP 2059p. Mal-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) Dik l-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Lactococcus lactis* PCM B/00039, *Carnobacterium divergens* PCM KKP 2012p, *Lactobacillus casei* PCM B/00080, *Lactobacillus plantarum* PCM B/00081 u *Saccharomyces cerevisiae* PCM KKP 2059p bħala additiv fl-għalf għat-tiġieġ tas-simna, li għandu jiġi kklassifikat fil-kategorija tal-addittivi "addittivi żootekniċi".

(4) Fl-opinjoni tagħha tat-12 ta' Lulju 2016 ([2]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li, skont il-kundizzjonijiet tal-użu proposti, il-preparazzjoni ta' *Lactococcus lactis* PCM B/00039, *Carnobacterium divergens* PCM KKP 2012p, *Lactobacillus casei* PCM B/00080, *Lactobacillus plantarum* PCM B/00081 *u Saccharomyces cerevisiae* PCM KKP 2059p ma għandhiex effett avvers fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, u li għandha l-potenzjal li ttejjeb il-prestazzjoni żooteknika fit-tiġieġ tas-simna. L-Awtorità ma tqisx li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu tal-analiżi tal-addittiv fl-għalf, fl-għalf li ġie ppreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) Il-valutazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Lactococcus lactis* PCM B/00039, *Carnobacterium divergens* PCM KKP 2012p, *Lactobacillus casei* PCM B/00080, *Lactobacillus plantarum* PCM B/00081 u *Saccharomyces cerevisiae* PCM KKP 2059p turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-użu ta' dik il-preparazzjoni jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) *Il-Ġurnal tal-EFSA* 2016;14(9):4555.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija tal-addittivi "addittivi żootekniċi" u mill-grupp funzjonali "stabbilizzanti għall-batterja li jkun hemm fil-musrana", hija awtorizzata bħala addittiv fl-għalf tal-annimali.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | CFU/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Kategorija tal-addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: stabbilizzanti għall-batterja li jkun hemm fil-musrana** | | | | | | | | | |
| 4b1892 | JHJ Ltd | *Lactococcus lactis* PCM B/00039, *Carnobacterium divergens* PCM KKP 2012p, *Lactobacillus casei* PCM B/00080, *Lactobacillus plantarum* PCM B/00081 u *Saccharomyces cerevisiae* PCM KKP 2059p | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br><br>Preparazzjoni ta' *Lactococcus lactis* PCM B/00039, *Carnobacterium divergens* PCM KKP 2012p, *Lactobacillus casei* PCM B/00080, *Lactobacillus plantarum* PCM B/00081 and *Saccharomyces cerevisiae* PCM KKP 2059p b'kontenut minimu ta' 1,2 × $10^9$ CFU/g tal-Batterji tal-Aċidu Lattiku (LAB) totali u *Saccharomyces cerevisiae* PCM KKP 2059p 1 × $10^7$ CFU/g<br><br>b'minimu ta':<br><br>*Lactococcus lactis* PCM B/00039 ≥ 5 × $10^8$ CFU/g<br><br>*Carnobacterium divergens* PCM KKP 2012p ≥ 3 × $10^8$ CFU/g<br><br>*Lactobacillus casei* PCM B/00080 ≥ 1 × $10^8$ CFU/g<br><br>*Lactobacillus plantarum* PCM B/00081 ≥ 3 × $10^8$ CFU/g<br><br>*Saccharomyces cerevisiae* PCM KKP 2059p ≥ 1 × $10^7$ CFU/g | Tiġieġ tas-simna | — | 5 × $10^8$ (LAB)<br><br>5 × $10^6$ (*Saccharomyces cerevisiae* PCM KKP 2059p) | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, indika t-temperatura tal-ħażna, iż-żmien tal-ħażna u l-istabbiltà waqt it-tgerbib.<br><br>2. L-użu huwa permess f'għalf li jkun fih il-koċċidjostati awtorizzati li ġejjin: in-narasin/in-nikarbażin, is-sodju tas-salinomiċina, id-diklażuril, id-dekokinat, jew il-maduramiċina tal-ammonju.<br><br>3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi sabiex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu tiegħu. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew imnaqqsa kemm jista' jkun permezz ta' proċeduri u miżuri bħal dawn, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir ta' protezzjoni personali, inkluż il-protezzjoni tan-nifs u l-protezzjoni tal-ġilda. | Is-6 ta' Lulju 2027 |

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | CFU/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| | | | *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br><br>Iċ-ċelloli vijabbli ta' *Lactococcus lactis* PCM B/00039, *Carnobacterium divergens* PCM KKP 2012p, *Lactobacillus casei* PCM B/00080, *Lactobacillus plantarum* PCM B/00081 u *Saccharomyces cerevisiae* PCM KKP 2059p<br><br>*Metodu analitiku* (1)<br><br>Għall-enumerazzjoni ta' *Lactococcus lactis* PCM B/00039 u *Carnobacterium divergens* PCM KKP 2012p fl-addittiv fl-għalf u fl-għalf:<br><br>— Il-metodu tat-tferrigħ bl-użu ta' agar de Man, Rogosa u Sharpe (MRS) ISO 15214<br><br>Għall-enumerazzjoni ta' *Lactobacilli* fl-addittiv fl-għalf u fl-għalf:<br><br>— Il-metodu tat-tferrigħ bl-użu ta' agar MRS EN 15787<br><br>Għall-enumerazzjoni ta' *Saccharomyces cerevisiae* PCM KKP 2059pfl-addittiv fl-għalf u fl-għalf:<br><br>— Il-metodu tat-tferrigħ bl-użu ta' agar magħmul minn glukożju, estratt tal-ħmira u kloramfenikol (CGYE) EN 15789 | | | | | | |

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | CFU/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| | | | Għall-identifikazzjoni ta' *Lactobacilli, Lactococcus lactis* PCM B/00039 u *Carnobacterium divergens* PCM KKP 2012p:<br><br>— Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE)<br><br>Għall-identifikazzjoni ta' *Saccharomyces cerevisiae* PCM KKP 2059p:<br><br>— Reazzjoni Katina bil-Polimerażi (PCR) | | | | | | |

([1]) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1009

**tat-13 ta' Marzu 2017**

**li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għall-kadmju u għaċ-ċomb fil-ħġieġ li jiffiltra u fil-ħġieġ użat għall-istandards tar-riflettanza**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2011/65/UE tipprojbixxi l-użu taċ-ċomb u tal-kadmju fit-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq.

(2) Il-ħġieġ ottiku li jiffiltra li jkun fih il-kadmju jew iċ-ċomb jintuża f'varjetà wiesgħa ta' applikazzjonijiet ottiċi għal bosta tipi ta' tagħmir elettriku u elettroniku. Kemm il-kadmju kif ukoll iċ-ċomb jintużaw minħabba l-proprjetajiet ottiċi uniċi li l-użu tagħhom jiffaċilita, bħal-"linja ta' qtugħ definita" fl-ispettru viżibbli li ma jiġix affettwat mill-angolu ta' viżjoni.

(3) Għalkemm jeżistu diversi modalitajiet ta' sostituzzjoni, is-sostituti ma jipprovdux prestazzjoni suffiċjenti tal-linja ta' qtugħ għall-applikazzjonijiet kollha. Fil-ftit każijiet fejn ikun hemm alternattivi li jipprovdu prestazzjoni suffiċjenti f'dan ir-rigward, il-materjali użati huma sensittivi wisq għall-kundizzjonijiet ambjentali tal-operat u għalhekk mhumiex affidabbli biżżejjed.

(4) F'dan ir-rigward, l-alternattivi għadhom mhumiex adattati għal ħafna applikazzjonijiet, u s-sejba ta' alternattivi għalihom hija kkumplikata u tirrikjedi ż-żmien, għalhekk ħames snin għall-kategoriji 1 sa 7 u 10 jitqies bħala tul iġġustifikat.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li ċertu ħġieġ ottiku li jiffiltra li fih il-kadmju u/jew iċ-ċomb jiġi eżentat sal-21 ta' Lulju 2021 għall-kategoriji 1 sa 7 u 10. Fir-rigward taċ-ċikli ta' innovazzjoni għat-tagħmir elettriku u elettroniku affettwat, it-tul ta' din l-eżenzjoni mhuwiex mistenni li jkollu impatt negattiv fuq l-innovazzjoni.

(6) Id-Direttiva 2011/65/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mis-6 ta' Lulju 2018, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mis-6 ta' Lulju 2018.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza meta jiġu ppubblikati b'mod uffiċjali. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

*ANNESS*

Fl-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE, il-punt 13(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "13(b) | Il-kadmju u ċ-ċomb fil-ħġieġ li jiffiltra u fil-ħġieġ użat għall-istandards tar-riflettanza | Tapplika għall-kategoriji 8, 9 u 11; tiskadi:<br>— fil-21 ta' Lulju 2023 għall-kategorija 8 apparat mediku dijanjostiku *in vitro*;<br>— fil-21 ta' Lulju 2024 għall-kategorija 9 strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali u għall-kategorija 11;<br>— fil-21 ta' Lulju 2021 għal subkategoriji oħra tal-kategoriji 8 u 9 |
| 13(b)-(I) | Iċ-ċomb f'tipi ta' ħġieġ li jiffiltra ottiku, ikkulurit u joniku | Tapplika għall-kategoriji 1, 7 u 10; tiskadi fil-21 ta' Lulju 2021 għall-kategoriji 1 sa 7 u 10" |
| 13(b)-(II) | Il-kadmju f'tipi ta' ħġieġ li jiffiltra ottiku b'sospensjoni kollojdali; esklużi l-applikazzjonijiet li jaqgħu taħt l-eżenzjoni 39 ta' dan l-Anness | |
| 13(b)-(III) | Il-kadmju u ċ-ċomb fil-ħġieġ użat għall-istandards tar-riflettanza | |

# DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1010

**tat-13 ta' Marzu 2017**

**li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb f'ċilindri ta' ġewwa u ta' barra tal-bearings għal ċerti kompressuri li jkun fihom refriġerant**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2011/65/UE tipprojbixxi l-użu taċ-ċomb fit-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq.

(2) Iċ-ċomb jintuża fil-bearings tal-kompressuri li jkun fihom refriġerant issiġillati ermetikament sabiex tiġi evitata t-tnixxija tar-refriġerant. Iċ-ċomb jipprovdi frizzjoni baxxa fil-bearing billi jaġixxi bħala lubrikant solidu f'każ ta' lubrikazzjoni inadegwata.

(3) Għalkemm il-bearings mingħajr ċomb huma vijabbli, dawn għadhom ma jistgħux jissostitwixxu b'mod affidabbli l-bearings taċ-ċomb għall-kompressuri li jkun fihom refriġerant b'input tal-potenza elettrika stabbilit ta' 9 kW jew inqas.

(4) Iċ-ċomb f'ċilindri ta' ġewwa u ta' barra tal-bearings għal kompressuri tat-tip skroll ermetiċi li jkun fihom refriġerant b'input tal-potenza elettrika stabbilit ta' 9 kW jew inqas għall-applikazzjonijiet ta' tisħin, ventilazzjoni, kundizzjonar tal-arja u refriġerazzjoni (HVACR) jenħtieġ għalhekk li jiġi eżentat sal-21 ta' Lulju 2019. Minħabba ċ-ċikli ta' innovazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-HVACR, id-durata ta' din l-eżenzjoni mhux mistennija jkollha impatti negattivi fuq l-innovazzjoni.

(5) Id-Direttiva 2011/65/UE jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mis-6 ta' Lulju 2018, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Dawn għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Dawn għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mis-6 ta' Lulju 2018.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza meta jiġu ppubblikati b'mod uffiċjali. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

Fl-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE, il-punt 9(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "9(b) | Iċ-ċomb f'ċilindri ta' ġewwa u ta' barra tal-bearings għal kompressuri li jkun fihom refriġerant għall-applikazzjonijiet ta' tisħin, ventilazzjoni, kundizzjonar tal-arja u refriġerazzjoni (HVACR) | Tapplika għall-kategoriji 8, 9 u 11; tiskadi:<br>— fil-21 ta' Lulju 2023 għall-apparat mediku dijanjostiku *in vitro* tal-kategorija 8;<br>— fil-21 ta' Lulju 2024 għall-istrumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali tal-kategorija 9 u għall-kategorija 11;<br>— fil-21 ta' Lulju 2021 għas-subkategoriji l-oħrajn tal-kategoriji 8 u 9. |
| 9(b)-(I) | Iċ-ċomb f'ċilindri ta' ġewwa u ta' barra tal-bearings għal kompressuri tat-tip skroll ermetiċi li jkun fihom refriġerant b'input tal-potenza elettrika stabbilit ta' 9 kW jew inqas għall-applikazzjonijiet ta' tisħin, ventilazzjoni, kundizzjonar tal-arja u refriġerazzjoni (HVACR) | Tapplika għall-kategorija 1; tiskadi fil-21 ta' Lulju 2019." |

# DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1011

## tal-15 ta' Marzu 2017

## li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb fi ħġieġ abjad użat għal applikazzjonijiet ottiċi

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2011/65/UE tipprojbixxi l-użu taċ-ċomb fit-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq.

(2) Il-ħġieġ b'bażi ta' ċomb jintuża peress li għandu kombinazzjonijiet uniċi ta' proprjetajiet u karatteristiċi, bħall-prestazzjoni tat-trażmissjoni tad-dawl, id-dispersjoni ottika, il-konduttività termali, il-birefrazzjoni u oħrajn.

(3) Il-ħġieġ ottiku mingħajr ċomb ta' disinni alternattivi jeżisti fil-forma ta' ħġieġ mingħajr ċomb, lentijiet tal-plastik u tagħmir b'disinn alternattiv. Madankollu, dawk l-alternattivi ma jistgħux jipprevedu bosta karatteristiċi u l-kombinazzjonijiet tagħhom meta mqabbel mal-ħġieġ b'bażi ta' ċomb.

(4) F'każijiet fejn is-sejba ta' sostituti kienet relattivament sempliċi, dan diġà seħħ u qed jintużaw is-sostituti. L-alternattivi għall-applikazzjonijiet li fadal għadhom mhumiex disponibbli. Għalhekk is-sostituzzjoni għall-medda sħiħa tal-applikazzjonijiet mhijiex possibbli b'mod ġenerali. Iċ-ċomb fi ħġieġ abjad użat għal applikazzjonijiet ottiċi jenħtieġ għalhekk li jiġi eżentat sal-21 ta' Lulju 2021 għall-kategoriji 1 sa 7 u għall-kategorija 10. Minħabba ċ-ċikli ta' innovazzjoni ta' dawn it-tipi ta' applikazzjonijiet ottiċi, id-durata ta' din l-eżenzjoni mhux mistennija jkollha impatti negattivi fuq l-innovazzjoni.

(5) Id-Direttiva 2011/65/UE jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mis-6 ta' Lulju 2018, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Dawn għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Dawn għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mis-6 ta' Lulju 2018.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza meta jiġu ppubblikati b'mod uffiċjali. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

([1]) ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

Fl-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE, il-punt 13(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "13(a) | Iċ-ċomb fi ħġieġ abjad użat għal applikazzjonijiet ottiċi | Tapplika għall-kategoriji kollha; tiskadi:<br>— fil-21 ta' Lulju 2023 għall-apparat mediku dijanjostiku *in vitro* tal-kategorija 8;<br>— fil-21 ta' Lulju 2024 għall-istrumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali tal-kategorija 9 u għall-kategorija 11;<br>— fil-21 ta' Lulju 2021 għall-kategoriji u s-subkategoriji l-oħrajn kollha" |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2017/1012

## tat-13 ta' Ġunju 2017

## li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo* (EULEX KOSOVO) (EULEX KOSOVO/1/2017)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) tagħha,

Billi:

(1) Taħt l-Artikolu 12(2) tal-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO), inkluża d-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap tal-Missjoni.

(2) Fl-14 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/947 ([2]) biex emenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK u estenda t-tul ta' żmien ta' EULEX KOSOVO sal-14 ta' Ġunju 2018.

(3) Fl-20 ta' Lulju 2016, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1207 ([3]), biex ħatar lis-Sinjura Alexandra PAPADOPOULOU bħala l-Kap tal-Missjoni EULEX KOSOVO mill-1 ta' Settembru 2016 sal-14 ta' Ġunju 2017.

(4) Fit-30 ta' Mejju 2017, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet l-estensjoni tal-mandat tas-Sinjura Alexandra PAPADOPOULOU bħala l-Kap tal-Missjoni EULEX KOSOVO għall-perijodu mill-15 ta' Ġunju 2017 sal-14 ta' Ġunju 2018,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sinjura Alexandra PAPADOPOULOU bħala l-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) huwa b'dan estiż għall-perijodu mill-15 ta' Ġunju 2017 sal-14 ta' Ġunju 2018.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

W. STEVENS

---

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244(1999) u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

([1]) ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/947 tal-14 ta' Ġunju 2016 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 26).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2016/1207 tal-20 ta' Lulju 2016 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (EULEX KOSOVO/1/2016) (ĠU L 198, 23.7.2016, p. 49).

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1013**

**tat-30 ta' Marzu 2017**

**li tfassal il-formola standard għar-rappurtar li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata bid-dokument C(2017) 1927)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Trasport bit-Triq stabbilit bl-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq ([2]),

Billi:

(1) Il-formola standard li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 għandha tintuża bħala l-mezz li bih, kull sentejn (2), l-Istati Membri jikkomunikaw mal-Kummissjoni, l-informazzjoni neċessarja għall-preparazzjoni ta' rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament, ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 u dwar l-iżviluppi fl-oqsma koperti minn dawk l-atti.

(2) Il-formola standard stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/810/KE ([3]) jenħtieġ li titħassar u tiġi adottata Deċiżjoni ġdida biex jitqiesu, fost oħrajn, l-iżviluppi fl-Unjoni, bħall-adeżjoni tal-Kroazja, u r-regoli l-ġodda dwar il-ħinijiet tas-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ li seħħew wara l-adozzjoni ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Ir-rekwiżiti tar-rappurtar stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 561/2006 u bid-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tiegħu, ikopru b'mod partikolari informazzjoni dwar eċċezzjonijiet nazzjonali mogħtija mill-Istati Membri skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 u dettalji aktar preċiżi dwar verifiki li jseħħu fuq il-vetturi.

(4) Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) tikkumplimenta d-dispożizzjonijiet dwar il-ħin tas-sewqan, il-pawżi u l-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006.

(5) Skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2002/15/KE, kull sentejn (2) għandu jsir rapport mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva. Dan il-perjodu ta' sentejn (2) għandu jkun l-istess bħal dak stabbilit fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006. Għaldaqstant huwa xieraq li, għal raġunijiet ta' konvenjenza amministrattiva u monitoraġġ effettiv tal-impatt tar-regoli tal-Unjoni f'dan il-qasam, fil-formola standard tiġi prevvista l-inklużjoni ta' din l-informazzjoni,

([1]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1

([2]) ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Settembru 2008 li tfassal il-formola standard għar-rappurtar imsemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 289, 5.11.2009, p. 9).

([4]) Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar d-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35).

([5]) Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-formola standard li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 għandha titfassal skont il-kampjun stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. Id-Deċiżjoni 2009/810/KE titħassret.

2. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kummissjoni*
Violeta BULC
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Formola standard għar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-Regolament (KE) Nru 561/2006, tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 u tad-Direttiva 2002/15/KE skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 u l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/15/KE**

1. STAT MEMBRU

2. PERJODU TA' REFERENZA

(l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006)

Minn (data):

Sa (data):

3. KALKOLU TAL-KONTROLLI MINIMI LI GĦANDHOM ISIRU

(l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/22/KE)

(a) Numru ta' ġranet maħduma min kull sewwieq tul il-perjodu ta' referenza: ......................................................

(b) Numru totali ta' vetturi soġġetti għar-Regolament (KE) Nru 561/2006: ..........................................................

(c) Numru totali ta' ġranet maħduma [(a) * (b)]: ......................................................................................................

(d) Kontrolli minimi [3 % minn Jannar 2010]: ..........................................................................................................

4. KONTROLLI MAT-TRIQ

4.1. *Numru ta' sewwieqa ċċekkjati mat-triq skont il-pajjiż tar-reġistrazzjoni u t-tip ewlieni ta' trasport*

| Tip ewlieni ta' trasport | UE/ŻEE/Żvizzera | | Pajjiżi Terzi |
|---|---|---|---|
| | Mill-pajjiż | Mhux mill-pajjiż | |
| Trasport ta' passiġġieri | | | |
| Trasport ta' merkanzija | | | |
| Total | | | |

4.2. *Numru ta' vetturi mwaqqfa għall-kontroll mat-triq skont it-tip ta' triq u l-pajjiż tar-reġistrazzjoni*

| It-tip ta' triq | A | B | BG | CY | CZ | D | DK | E | EST | F | FIN | GB | GR | H | HR | I | IRL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Awtos-trada | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Triq nazz-jonali | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Triq se-kondarja | | | | | | | | | | | | | | | | | |

| It-tip ta' triq | L | LT | LV | M | NL | P | PL | RO | S | SK | SLO | FL | IS | N | CH | Oħrajn | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Awtostrada | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Triq nazzjonali | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Triq sekondarja | | | | | | | | | | | | | | | | | |

4.3. *Numru ta' vetturi mwaqqfa għall-kontroll mat-triq skont it-tip ta' takografu*

| Tip ta' takografu | UE/ŻEE/Żvizzera | | Pajjiżi Terzi |
|---|---|---|---|
| | Mill-pajjiż | Mhux mill-pajjiż | |
| Analogu | | | |
| Diġitali | | | |
| Smart (1) | | | |
| Total | | | |

(1) Obbligatorju mid-data meta l-Anness IC tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/799 (ĠU L 139, 26.5.2016, p. 1) japplika b'effett.

Jekk l-istatistiċi nazzjonali jippermettu, jekk jogħġbok imla wkoll it-tabella ta' hawn taħt u agħti ċ-ċifri eżatti fir-rigward tal-vetturi mgħammra b'takografu diġitali:

| | |
|---|---|
| (a) Numru ta' vetturi mgħammra b'takografu diġitali | |
| (b) Sehem ta' vetturi mgħammra b'takografu diġitali fi flotta totali ta' vetturi soġġetti għar-Regolamenti | |

4.4. *Numru ta' jiem tax-xogħol iċċekkjati mat-triq skont it-tip ewlieni tat-trasport u l-pajjiż tar-reġistrazzjoni*

| Tip ewlieni ta' trasport | UE/ŻEE/Żvizzera | | Pajjiżi Terzi |
|---|---|---|---|
| | Mill-pajjiż | Mhux mill-pajjiż | |
| Trasport ta' passiġġieri | | | |
| Trasport ta' merkanzija | | | |
| Total | | | |

4.5. *Infrazzjonijiet — in-numru u t-tip ta' infrazzjonijiet irreġistrati mat-triq*

(R — ksur tar-Regolament (KE) Nru 561/2006, D — ksur tad-Direttiva 2006/22/KE)

| Artikolu | Tip ta' infrazzjoni | Trasport ta' passiġġieri | | | Trasport ta' merkanzija | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | UE/ŻEE/Żvizzera | | Pajjiżi Terzi | UE/ŻEE/Żvizzera | | Pajjiżi Terzi |
| | | Mill-pajjiż | Mhux mill-pajjiż | | Mill-pajjiż | Mhux mill-pajjiż | |
| R 6 | Ħin tas-sewqan:<br>— limitu ta' kuljum<br>— limitu ta' kull ġimgħa<br>— limitu kull ħmistax | | | | | | |
| R 6 | Nuqqas ta' informazzjoni għal xogħol ieħor u/jew disponibbiltà | | | | | | |
| R 7 | Pawżi fil-ħin ta' sewqan (sewqan ta' aktar minn 4,5 sigħat mingħajr pawża jew b'pawża qasira wisq) | | | | | | |
| R 8 | Perjodi ta' mistrieħ:<br>— minimu ta' kuljum<br>— minimu ta' kull ġimgħa | | | | | | |
| R 10 & 26 | Informazzjoni dwar il-ħin tas-sewqan:<br>— informazzjoni għat-28 jum ta' qabel | | | | | | |
| D Anness I A | Tagħmir għar-reġistrazzjoni:<br>— ma jaħdimx sew<br>— użat ħażin jew imbagħbas | | | | | | |

5. KONTROLLI FL-ISTABBILIMENT TAL-IMPRIŻA

5.1. *Numru ta' sewwieqa ċċekkjati u numru ta' jiem tax-xogħol ikkontrollati fl-istabbiliment tal-impriża*

| Tip ta' trasport | Numru ta' sewwieqa ċċekkjati | Numru ta' jiem tax-xogħol iċċekkjati |
|---|---|---|
| I. *Tipoloġija* | | |
| Trasport ta' passiġġieri | | |
| Trasport ta' merkanzija | | |

| Tip ta' trasport | Numru ta' sewwieqa ċċekkjati | Numru ta' jiem tax-xogħol iċċekkjati |
|---|---|---|
| II. *Tipoloġija* | | |
| Trasport għall-kiri jew għal terzi | | |
| Trasport għall-kont proprju | | |

5.2. *Infrazzjonijiet — numru u tip ta' infrazzjonijiet irreġistrati fl-istabbiliment*

(R — ksur tar-Regolament (KE) Nru 561/2006, D — ksur tad-Direttiva 2006/22/KE)

| Artikolu | Tip ta' infrazzjoni | Trasport ta' passiġġieri | Trasport ta' merkanzija |
|---|---|---|---|
| R 6 | Ħin tas-sewqan:<br>— limitu ta' kuljum<br>— limitu ta' kull ġimgħa<br>— limitu kull ħmistax | | |
| R 6 | Nuqqas ta' informazzjoni għal xogħol ieħor u/jew disponibbiltà | | |
| R 7 | Pawżi fil-ħin ta' sewqan (sewqan ta' aktar minn 4,5 sigħat mingħajr pawża jew b'pawża qasira wisq) | | |
| R 8 | Perjodi ta' mistrieħ:<br>— minimu ta' kuljum<br>— minimu ta' kull ġimgħa | | |
| R 10 & 26 | Informazzjoni dwar il-ħin tas-sewqan:<br>— Id-dejta tinżamm sena (1) | | |
| D Anness I A | Tagħmir għar-reġistrazzjoni<br>— ma jaħdimx sew<br>— użat ħażin jew imbagħbas | | |

5.3. *Numru ta' impriżi u sewwieqa ċċekkjati fl-istabbiliment skont id-daqs tal-flotta tal-impriża*

| Daqs tal-flotta | Numru ta' impriżi ċċekkjati | Numru ta' sewwieqa ċċekkjati | Numru ta' infrazzjonijiet misjuba |
|---|---|---|---|
| 1. | | | |
| 2-5 | | | |
| 6-10 | | | |
| 11-20 | | | |
| 21-50 | | | |

| Daqs tal-flotta | Numru ta' impriżi ċċekkjati | Numru ta' sewwieqa ċċekkjati | Numru ta' infrazzjonijiet misjuba |
|---|---|---|---|
| 51-200 | | | |
| 201-500 | | | |
| Aktar minn 500 | | | |

6. KAPAĊITÀ NAZZJONALI tal-INFURZAR

(a) Numru ta' uffiċjali tal-kontroll involuti f'kontrolli mat-triq u fl-istabbilimenti: ..........................................

(b) Numru ta' uffiċjali tal-kontroll imħarrġa biex ikunu jistgħu janalizzaw id-dejta mit-takografi diġitali kemm mat-triq kif ukoll fl-istabbilimenti tal-impriża: ..........................................

(c) Numru ta' unitajiet ta' tagħmir ipprovduti lill-uffiċjali tal-kontroll sabiex ikunu jistgħu jniżżlu, jaqraw u jistħarrġu d-dejta mit-takografi diġitali kemm mat-triq kif ukoll fl-istabbilimenti tal-impriża: ..........................................

7. INIZJATTIVI NAZZJONALI U INTERNAZZJONALI

7.1. *Nazzjonali*

(a) Regolatorji (inkluż l-aġġornament dwar x'użu sar mill-eċċezzjonijiet skont l-Artikolu 13(1))

(b) Amministrattivi

(c) Oħrajn

7.2. *Internazzjonali*

(a) Kontrolli organizzati: in-numru ta' kontrolli organizzati f'kull sena, il-pajjiżi li kkollaboraw

(b) Skambji ta' esperjenzi, dejta, persunal: in-numru ta' inizjattivi, nies, suġġetti tal-iskambju, pajjiżi li kkollaboraw

8. PENALITAJIET

8.1. *Skali fis-sena ta' referenza*

8.2. *Bidliet*

(a) Id-data u n-natura tal-aktar bidliet reċenti (abbażi tas-sena ta' referenza)

(b) Referenzi amministrattivi jew legali

9. KONKLUŻJONIJIET U KUMMENTI, INKLUŻ KULL ŻVILUPP FL-OQSMA KKONĊERNATI

10. RAPPORT DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA DWAR IL-ĦIN TAX-XOGĦOL 2002/15/KE

Ġeneralment, din it-taqsima għandha tinkludi tagħrif dwar:

— kif tfassal ir-rapport, liema partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati,

— l-implimentazzjoni *[il-qagħda legali, kif it-traspożizzjoni biddlet il-qagħda legali preċedenti fir-rigward tal-ħin tax-xogħol, diffikultajiet speċifiċi li qamu minħabba l-applikazzjoni tad-Direttiva, miżuri meħuda bħala tweġiba għal dawn id-diffikultajiet, miżuri anċillari għall-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni prattika tal-leġiżlazzjoni]*,

— il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni *[il-korpi responsabbli għall-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli, il-metodi użati għall-monitoraġġ, il-problemi li qamu u s-soluzzjonijiet applikati]*,

— l-interpretazzjoni ġuridika *[uri jekk kienx hemm sentenzi tal-qrati fuq livell nazzjonali li jinterpretaw jew japplikaw id-Direttiva dwar kwistjonijiet sinifikanti, x'kienu l-punti ġuridiċi ewlenin dwar il-kwistjoni]*,

— valutazzjoni tal-effettività *[dejta użata biex tiġi vvalutata l-effettività tal-miżuri tat-traspożizzjoni, l-aspetti pożittivi u negattivi tal-implimentazzjoni prattika tal-leġiżlazzjoni]*,

— prospettiva *[prijoritajiet fil-qasam tematiku, suġġerimenti għal adattamenti jew emendi għad-Direttiva flimkien mar-raġuni, indika xi bidliet meqjusa bħala meħtieġa għall-progress tekniku, suġġerimenti għal miżuri anċillari fil-livell tal-UE]*.

11. PERSUNA RESPONSABBLI GĦALL-KUMPILAZZJONI TA' DAN IR-RAPPORT

Isem: ……………………………………………………………………………

Pożizzjoni: ……………………………………………………………………………

Organizzazzjoni: ……………………………………………………………………………

Indirizz amministrattiv: ……………………………………………………………………………

Tel./faks: ……………………………………………………………………………

Posta elettronika: ……………………………………………………………………………

Data: ……………………………………………………………………………

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1014

## tal-15 ta' Ġunju 2017

## dwar il-pubblikazzjoni tar-referenzi tal-istandards Ewropej EN 13869:2016 dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza fil-lajters fil-konfront tat-tfal, u EN 13209-2:2015 dwar it-tagħmir għall-ġarr tat-trabi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/95/KE jesiġi li l-produtturi jqiegħdu biss prodotti sikuri fis-suq.

(2) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2001/95/KE, prodott għandu jitqies bħala sikur, safejn għandhom x'jaqsmu r-riskji u l-kategoriji tar-riskji koperti bl-istandards nazzjonali rilevanti, meta jkun konformi mal-istandards nazzjonali volontarji li jittrasponu l-istandards Ewropej, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, skont l-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva.

(3) Skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/95/KE, l-istandards Ewropej jitfasslu minn organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni skont mandati maħruġa mill-Kummissjoni.

(4) Skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/95/KE, il-Kummissjoni trid tippubblika r-referenzi ta' dawn l-istandards.

(5) Fit-23 ta' April 2008, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2008/357/KE ([2]), u fis-7 ta' Ġunju 2008 il-Kummissjoni ħarġet il-mandat M/427 lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN — European Committee for Standardisation) relatat mar-rekwiżiti tar-reżistenza għal-lajters tas-sigaretti fil-konfront tat-tfal.

(6) B'reazzjoni għall-mandat M/427, is-CEN adotta l-istandard EN 13869:2016 "Lajters — ir-rekwiżiti ta' sikurezza fil-lajters fil-konfront tat-tfal — ir-rekwiżiti ta' sikurezza u l-metodi ta' ttestjar". L-istandard EN 13869:2016 jissodisfa l-mandat M/427 u huwa konformi mar-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Għalhekk, ir-referenza tiegħu għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(7) Fis-16 ta' Diċembru 1997 il-Kummissjoni tat il-mandat M/264 lis-CEN u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC — European Committee for Electrotechnical Standardization) relatat mas-sikurezza tal-oġġetti għall-indukrar tat-tfal.

(8) B'rispons għall-mandat M/264, is-CEN adotta l-istandard EN 13209-2:2015 "Oġġetti għall-użu u għall-indukrar tat-tfal — Tagħmir għall-ġarr tat-trabi — Ir-rekwiżiti ta' sikurezza u l-metodi ta' ttestjar — il-Parti 2: tagħmir għall-ġarr flessibbli". L-istandard EN 13209-2:2015 jissodisfa l-mandat M/264 u huwa konformi mar-rekwiżit ta' sikurezzezza ġenerali stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Għalhekk, ir-referenza tiegħu għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-kumitat stabbilit mid-Direttiva 2001/95/KE,

([1]) ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/357/KE tat-23 ta' April 2008 dwar rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza tat-tfal li għandhom jiġu sodisfatti mill-istandards Ewropej għal-lajters skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 120, 7.5.2008, p. 11).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-referenzi tal-istandards li ġejjin għandhom jiġu ppubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*:

(a) EN 13869:2016 "Lajters — Ir-rekwiżiti ta' sikurezza fil-lajters fil-konfront tat-tfal — Ir-rekwiżiti ta' sikurezza u l-metodi ta' ttestjar";

(b) EN 13209-2:2015 "Oġġetti għall-użu u għall-indukrar tat-tfal — Tagħmir għall-ġarr tat-trabi — Ir-rekwiżiti ta' sikurezza u l-metodi ta' ttestjar — il-Parti 2: Tagħmir għall-ġarr flessibbli".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1015**

**tal-15 ta' Ġunju 2017**

**dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra koperti bid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal kull Stat Membru għall-2014**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 19(6) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) tistabbilixxi l-limiti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet) għal kull Stat Membru għal kull sena għall-perjodu mill-2013 sal-2020 u mekkaniżmu biex kull sena tiġi vvalutata l-konformità ma' dawk il-limiti. L-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri, mogħtija f'ekwivalenti ta' tunnellati ta' $CO_2$, jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/162/UE ([3]). Dawn l-allokazzjonijiet ġew aġġustati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/634/UE ([4]).

(2) L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 jistipula proċedura ta' rieżami tal-inventarji tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Istati Membri sabiex tiġi vvalutata l-konformità mad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE. Ir-rieżami komprensiv imsemmi fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 sar abbażi tad-dejta dwar l-emissjonijiet tal-2014 irrappurtata lill-Kummissjoni f'April tal-2016 skont il-proċeduri stabbiliti fil-Kapitolu III u fl-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 749/2014 ([5]).

(3) L-ammont totali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra koperti bid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE għal kull Stat Membru għall-2014 għandu jqis il-korrezzjonijiet tekniċi u l-istimi riveduti kkalkulati waqt ir-rieżami kif mogħtija fir-rapporti finali tar-rieżami mfassla skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 749/2014.

(4) Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tagħha sabiex tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(7) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 li jistabbilixxi d-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni bħala l-punt tat-tluq għall-perjodu ta' erba' xhur li matulu l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għadd totali ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra koperti bid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE għal kull Stat Membru għall-2014 li ġejjin mid-dejta kkoreġuta tal-inventarju wara li tlesta r-rieżami komprensiv imsemmi fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 huwa stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13.

([2]) Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/162/UE tas-26 ta' Marzu 2013 dwar kif għandhom jiġu ddeterminati l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 90, 28.3.2013, p. 106).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/634/UE tal-31 ta' Ottubru 2013 dwar l-aġġustamenti fl-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 292, 1.11.2013, p. 19).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 749/2014 tat-30 ta' Ġunju 2014 dwar l-istruttura, il-format u l-proċessi tat-tressiq u r-reviżjoni tal-informazzjoni rrappurtata mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 203, 11.7.2014, p. 23).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

| Stat Membru | L-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-2014 koperti bid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE (f'ekwivalenti ta' tunnellati ta' diossidu tal-karbonju) |
|---|---|
| Il-Belġju | 70 054 910 |
| Il-Bulgarija | 22 900 867 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 57 620 658 |
| Id-Danimarka | 32 643 514 |
| Il-Ġermanja | 436 790 185 |
| L-Estonja | 6 083 093 |
| L-Irlanda | 41 663 021 |
| Il-Greċja | 44 409 918 |
| Spanja | 199 755 020 |
| Franza | 353 528 786 |
| Il-Kroazja | 14 663 196 |
| L-Italja | 265 275 604 |
| Ċipru | 3 924 856 |
| Il-Latvja | 9 017 595 |
| Il-Litwanja | 12 922 268 |
| Il-Lussemburgu | 8 858 306 |
| L-Ungerija | 38 423 028 |
| Malta | 1 291 392 |
| In-Netherlands | 97 887 338 |
| L-Awstrija | 48 194 334 |
| Il-Polonja | 181 543 023 |
| Il-Portugall | 38 836 638 |
| Ir-Rumanija | 72 534 134 |
| Is-Slovenja | 10 472 374 |
| Is-Slovakkja | 19 782 144 |
| Il-Finlandja | 30 146 832 |
| L-Iżvezja | 34 522 651 |
| Ir-Renju Unit | 324 444 705 |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT